



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 17 ta' Frar 2020
(OR. en)

5982/20

COHOM 13
COPS 49
CONUN 24
COASI 12
MAMA 18
COEST 39
COAFR 51
DEVGEN 19
CFSP/PESC 113

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	17 ta' Frar 2020
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 5802/20	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Prijoritajiet tal-UE fil-Fora tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-2020

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Prijoritajiet tal-UE fil-Fora tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-2020 adottati mill-Kunsill fit-3747 laqgħa tiegħu li saret fis-17 ta' Frar 2020.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Prijoritajiet tal-UE fil-Fora tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-2020

1. Hekk kif infakkru l-**75 anniversarju tad-dħul fis-seħħ tal-Karta tan-NU**, l-UE tafferma mill-ġdid l-appoġġ qawwi tagħha għall-**ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli u l-multilateraliżmu effettiv**. L-UE ser tippromwovi l-komplementarjetà man-NU, tkompli tinvesti f'sistema b'saħħitha u effettiva tan-NU, u tappoġġa r-riformi proposti mis-Segretarju Ġenerali tan-NU.
2. Fidila għar-regoli u l-prinċipji tal-Karta tan-NU, l-UE ser tkompli tiżgura l-konformità mad-drittijiet tal-bniedem, filwaqt li terġa' tisħaq li d-drittijiet tal-bniedem huma universali, indiviżibbli, interdipendenti u marbuta ma' xulxin. L-UE ser tkompli tħeġġeġ sehem sħiħ u sinifikattiv mill-atturi tas-soċjetà ċivili u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem (DDB), fis-sistema tan-NU u lil hinn minnha, inkluż meta jattendu jew jippruvaw jattendu l-laqgħat tan-NU. L-UE tappella lill-atturi kollha biex jiżguraw li l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u d-DDB jingħataw il-protezzjoni meħtieġa.
3. L-UE, imsejsa fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, l-ugwaljanza u s-solidarjetà ħadet l-impenn li tirrispetta, tipproteġi u taħdem għad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt, li jaqdu rwol kruċjali biex jiżguraw il-paċi u s-sigurtà sostenibbli, bħala pedamenti tal-azzjoni esterna tagħha. Tinsab magħquda fl-appoġġ sod għas-sistema tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU, li tistrieħ fuq daww l-istess prinċipji, u tappoġġaha, tiddefendiha u tippromwoviha b'mod attiv matul l-2020 bħala prijorità tal-azzjoni esterna tagħha. L-UE ser tkompli tosserva s-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem globalment u **tikkundanna l-ksur u l-abbuż tad-drittijiet tal-bniedem** kull fejn iseħħu. Ser tappella lill-istati u l-atturi mhux statali biex ma jħalluhomx isiru u jwaqqfuhom minnufih, filwaqt li tħeġġeġ il-ġustizzja, il-ġarr tar-responsabbiltà u l-ġlieda kontra l-impunità. Ser tappoġġa bis-sħiħ il-ħidma u l-mandat tal-**Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-uffiċċju tagħha** u ser tappella lill-istati kollha jirrispettaw l-indipendenza tagħha u jikkooperaw biex twettaq il-mandat tagħha b'mod effettiv. L-UE ser tinsisti, inkluż fil-kuntest tan-NU, li d-drittijiet tal-bniedem m'għandhomx jiġu strumentalizzati minn stati. Id-drittijiet tal-bniedem għandhom jiġu diskussi strettament abbażi tal-fatti, u żviluppi pożittivi għandhom jiġu rikonoxxuti b'mod sħiħ.

4. L-UE ser tkompli **tuża l-għodod kollha disponibbli** biex twettaq l-impenji tagħha lejn id-drittijiet tal-bniedem, inkluż fil-qafas tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem (KDB) tan-NU, l-Assemblea Ġenerali tan-NU, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU u kwalunkwe fora rilevanti oħra, f'konsistenza mat-Trattat tal-UE u l-Karta tan-NU, kif ukoll permezz ta' dikjarazzjonijiet pubbliċi, démarches diplomatiċi, diplomazija pubblika, djalogi politiċi u dawk dwar id-drittijiet tal-bniedem, u sanzjonijiet kif xieraq. Ser tindirizza sitwazzjonijiet f'pajjiżi terzi, tistabbilixxi l-aġenda dwar kwistjonijiet tematiċi ewlenin u ser taħdem biex tibni koalizzjonijiet kemm dwar kwistjonijiet tematiċi kif ukoll sitwazzjonijiet tal-pajjiżi. L-UE ser tibqa' involuta fit-**tisħiħ tal-KDB** hekk kif tagħraf ir-rwol waħdieni u l-valur miżjud tiegħu. Ser tfakkar li l-membri kollha tan-NU, b'mod partikolari l-membri tal-KDB, għandhom iħarsu l-oġġetti standards tad-drittijiet tal-bniedem u jikkooperaw b'mod sħiħ mal-KDB u l-mekkaniżmi tiegħu. L-UE ser tinvolvi ruħha b'mod attiv fil-proċess ta' eżami tas-sistema tal-Korpi tat-Trattati matul l-2020, u ttenni l-impenn qawwi tagħha lejn it-tisħiħ tal-effiċjenza u l-effettività tas-sistema, biex tippreserva l-integrità u l-indipendenza tal-Korpi tat-Trattati u ser tkompli taħdem biex issaħħaħ il-protezzjoni għad-detenturi tad-drittijiet. **Il-Proċeduri Speċjali** huma komponent essenzjali tas-Sistema tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU; **L-UE ser tkompli tiddefendi u tappoġġa l-ħidma tagħhom** u l-indipendenza tagħhom. L-UE ser tkompli tappella lill-istati kollha biex jaderixxu għat-**trattati ewlenin dwar id-drittijiet tal-bniedem** u jimplimentaw b'mod sħiħ id-dispożizzjonijiet tagħhom fuq livell nazzjonali. L-UE ser tibqa' ddedikata għall-ġlieda kontra l-impunità bl-appoġġ sod tagħha għall-Qorti Kriminali Internazzjonali (QKI) u tappella għar-ratifika universali tal-Istatut ta' Ruma u għal kooperazzjoni sħiħa mal-QKI.
5. L-UE ser tkompli tappella lill-istati kollha biex jagħtu lill-mekkaniżmi tan-NU u mekkaniżmi oħra tad-drittijiet tal-bniedem aċċess sħiħ, bla kundizzjoni u bla xkiel għat-territorji tagħhom, fosthom reġjuni u żoni ta' kunflitt. Ser tistenna li l-istati kollha jirrispettaw u jipproteġu persuni, b'mod partikolari s-soċjetà ċivili u difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, li jkun qad jikkooperaw mas-Sistema tan-NU, ser tikkundanna kull forma ta' intimidazzjoni, fastidju u ritaljazzjoni u ser ittenni l-appoġġ tagħha għall-ħidma tal-Assistent Segretarju Ġenerali tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem f'dan ir-rigward.

6. L-UE qed tagħmel passi importanti lejn il-kisba tal-**Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli** u l-miri assoċjati tal-Aġenda 2030. L-UE ser tkompli tkun fuq quddiem ta' approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem għall-implimentazzjoni sħiħa, effettiva u nondiskriminatorja tiegħu fil-pajjiżi kollha u ser tinvolvi ruħha mal-partijiet ikkonċernati kollha, b'mod partikolari l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, biex tħaffef il-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli. Hija ser tippromwovi u tħares id-drittijiet **ċivili, politiċi, ekonomiċi, soċjali u kulturali** skont id-Dikjarazzjoni u l-Programm ta' Azzjoni ta' Vjenna. L-UE ser tkompli tiegħu pożizzjoni qawwija kontra kull tentattiv li d-drittijiet tal-bniedem jiġu definiti mill-ġdid fil-liġi internazzjonali u l-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u biex jiddgħajjef l-ordni internazzjonali bbażata fuq ir-regoli, inkluż f'diskussjonijiet dwar id-dritt għall-iżvilupp.
7. Il-25 anniversarju tad-Dikjarazzjoni u l-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing, l-20 anniversarju tal-UNSCR1325 dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà u l-ħames anniversarju tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli 2030 joffru opportunità waħdanija biex l-impenji internazzjonali lejn l-ugwaljanza bejn is-sessi jingħataw haġja ġdida, filwaqt li jitkompla l-momentum tal-25 anniversarju tal-Programm ta' Azzjoni tal-ICPD fl-2019, bħala aġenda marbuta fiha nnifisha. L-UE ser tuża kull okkażjoni biex tafferma mill-ġdid il-validità sħiħa ta' dawn l-impenji. L-UE ser tħeġġeġ bil-qawwa u żżid l-isforzi internazzjonali favur l-ugwaljanza bejn is-sessi, it-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem kollha min-nisa u l-bniet kollha u t-tiżiż tal-pożizzjoni tagħhom, inkluż permezz ta' implimentazzjoni sħiħa tal-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi II, l-adozzjoni ta' Pjan ġdid ta' Azzjoni dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi, l-analiżi tal-ġeneru u l-integrazzjoni. L-UE ser tkompli tħeġġeġ l-integrazzjoni ta' perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi fil-ħidma kollha tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem, l-Assemblea Ġenerali tan-NU u fora oħra tad-drittijiet tal-bniedem. L-UE ser tkompli wkoll tagħti attenzjoni partikolari lill-implimentazzjoni tal-UNSCR 1325 u riżoluzzjonijiet oħra relatati tal-UNSCR, bil-għan li jkun hemm parteċipazzjoni sħiħa u ugwali min-nisa u l-integrazzjoni ta' perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi fl-inizjattivi kollha ta' paċi u sigurtà. L-UE tiegħu l-impenn li tippromwovi r-rwol kritiku ta' organizzazzjonijiet tan-nisa fis-soċjetà ċivili u ta' difensuri nisa tad-drittijiet tal-bniedem fil-promozzjoni, il-protezzjoni u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem tan-nisa u l-bniet kollha.

8. L-UE għadha ddedikata għall-promozzjoni, il-protezzjoni u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem kollha u għall-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing u l-Programm ta' Azzjoni tal-Konferenza Internazzjonali dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp u l-eżiti tal-konferenzi ta' eżami tagħhom u ser tibqa' ddedikata għas-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi, f'dan il-kuntest. B'dan il-ħsieb f'moħħha, l-UE tkompli tafferma mill-ġdid l-impenn tagħha lejn il-promozzjoni, il-protezzjoni u r-rispett tad-dritt ta' kull individwu li jkollu kontroll sħiħ fuq kwistjonijiet relatati mas-sesswalità u s-saħħa sesswali u riproduttiva tiegħu, u li jiddeċiedi b'mod ħieles u responsabbli dwarhom, filwaqt li jkun ħieles mid-diskriminazzjoni, il-koerċizzjoni u l-vjolenza. L-UE tenfasizza wkoll il-ħtieġa ta' aċċess universali għal informazzjoni u edukazzjoni ta' kwalità u bi prezz raġonevoli dwar is-saħħa sesswali u riproduttiva, inkluż l-edukazzjoni komprensiva dwar is-sesswalità, u s-servizzi għall-kura tas-saħħa.
9. L-UE ser tkompli tindirizza l-kwistjoni tal-vjolenza sesswali u sessista, li tikkostitwixxi ksur tad-drittijiet fundamentali għall-ħajja, il-libertà, is-sigurtà, id-dinjità, l-ugwaljanza u hija xkiel għat-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem min-nisa u l-bniet. Il-prevenzjoni, il-prosekuzzjoni u l-ġlieda kontra kull forma ta' vjolenza u diskriminazzjoni sesswali u sessista, inkluż il-vjolenza domestika, l-iżgurar tal-integrità fiżika u psikoloġika tal-vittmi u s-superstiti u l-aċċess għal rimedji legali, u li l-awturi jinżammu responsabbli huma tassew fil-qalba tal-azzjoni umanitarja u ta' żvilupp tal-UE fis-sitwazzjonijiet kollha, fosthom sitwazzjonijiet ta' kunflitt u ta' wara kunflitt. L-UE ttenni l-ħtieġa li l-irġiel u s-subien jiġu involuti fit-temma tal-forom kollha ta' vjolenza fuq in-nisa u l-bniet, jiġu eliminati l-inugwaljanzi bejn is-sessi, jiġu indirizzati normi soċjali diskriminatorji u jiġu miġġielda l-isterjotipi tas-sessi.

10. L-UE ser tagħti aktar attenzjoni lir-**rabta bejn id-drittijiet tal-bniedem u l-ambjent** filwaqt li tagħraf li t-tibdil fil-klima u l-qerda ambjentali huma theddida għad-drittijiet tal-bniedem. L-UE ser tkompli tappella lill-Istati biex iżidu l-ambizzjoni tagħhom u jimplimentaw b'mod urġenti l-impenji tagħhom tal-Ftehim ta' Pariġi u ftehim ambjentali multilaterali ieħor kif ukoll biex jipproteġu d-difensuri ambjentali tad-drittijiet tal-bniedem. L-UE ser tkompli tinvolvi ruħha b'mod attiv fir-riżoluzzjonijiet tan-NU dwar ir-rabta bejn id-drittijiet tal-bniedem u l-klima u l-ambjent kif ukoll fid-diskussjonijiet li għaddejjin dwar dritt għal ambjent san, u tafferma mill-ġdid l-impenn sod tagħha għall-mandati rilevanti tan-NU. L-UE ser tibqa' ddedikata għal futur ambjentali sostenibbli għal kulħadd.
11. L-UE ser tagħti aktar attenzjoni lill-konsegwenzi ta' **teknoloġiji diġitali ġodda u li ħerġin** dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija, il-governanza tajba u l-istat tad-dritt. Filwaqt li tagħraf l-impatt pożittiv tad-diġitalizzazzjoni inkluż għas-soċjetà ċivili, l-UE ser tappella lill-istati biex inaqqsu r-riskji ta' teknoloġiji ġodda. L-UE ser tkompli tippromwovi d-dritt għal internet miftuħ u ħieles, tipproteġi l-privatezza u l-protezzjoni tad-data, u tagħti attenzjoni partikolari lit-teknoloġiji ta' sorveljanza tal-massa filwaqt li tiġġieled b'mod attiv id-diskors ta' mibegħda online, iċ-ċiberkriminalità u l-kontenut terroristiku online, u d-diżinformazzjoni, f'konformità sħiħa mal-liġi internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem. L-UE ser tippromwovi approċċ etiku u bbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem għall-iżvilupp u l-applikazzjoni tal-Intelliġenza Artifiċjali (AI).

12. **L-appoġġ għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem (DDB)** u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili hija prijorità ewlenija tal-politika esterna tal-UE. B'mod partikolari l-UE ser tibqa' ddedikata għat-titjib tal-mezzi preventivi kif ukoll ta' reazzjoni biex jiġu protetti d-DDB, partikolarment dawk li jaħdmu fuq id-drittijiet tal-art, l-ambjent, id-drittijiet ta' popli indiġeni, persuni minn minoranzi, kif ukoll DDB oħra f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, inkluż difensuri LGBTI tad-drittijiet tal-bniedem. L-UE ser tkompli tappoġġa bis-siġħ difensuri nisa tad-drittijiet tal-bniedem u r-rwol prominenti li jaqdu fl-indirizzar tal-inugwaljanza bejn is-sessi. L-UE ser tkompli tikkundanna bil-qawwa theddid, arresti arbitrari, u attakki kontra difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, ġurnalisti, informaturi u avukati tad-drittijiet tal-bniedem. L-UE ser issaħħaħ l-appoġġ tagħha għall-ħolqien ta' ambjent favorevoli għas-soċjetà ċivili u ser topponi restrizzjonijiet legali u amministrattivi sproporzjonati fuq organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, inkluż sistemi ta' reġistrazzjoni punitivi u restrizzjonijiet fl-għoti ta' fondi.
13. L-UE ser tkompli topponi bil-qawwa u b'mod inekwivoku **l-piena tal-mewt** f'kull ċirkustanza. L-UE ser tappella lill-aħħar pajjiżi li għadhom japplikaw il-piena tal-mewt biex jabolixxuha jew għall-inqas jintroduċu moratorju bħala l-ewwel pass lejn l-abolizzjoni sħiħa u legali, u ser tkompli tħeġġeġ lill-istati fejn hemm moratorju fis-seħħ biex jieħdu passi lejn l-abolizzjoni sħiħa. Ser tħeġġeġ lill-istati abolizzjonisti biex jipproteġu din il-kisba fil-Kostituzzjoni u biex jirratifikaw it-Tieni Protokoll Fakultattiv tal-ICCPR. L-UE ser tikkundanna l-applikazzjoni tal-piena tal-mewt, b'mod partikolari f'każijiet li jiksru standards minimi, u ser tikkundanna l-eżekuzzjonijiet tal-massa, u pjeni tal-mewt ibbażati fuq konfessjonijiet sfurzati. L-UE ser tkompli tappoġġa l-ħidma tan-NU għall-abolizzjoni tal-piena tal-mewt fid-dinja kollha, b'mod partikolari r-risoluzzjonijiet dwar il-piena tal-mewt fil-KDB u waqt l-AĠNU 75.

14. L-UE tibqa' serjament imħassba mill-użu mifruż tat-**tortura** u trattament jew kastig krudili, inuman jew degradanti ieħor madwar id-dinja. L-UE ser tkompli topponi u tikkundanna bil-qawwa l-użu tat-tortura u trattament ħażin ieħor minn atturi statali u mhux statali, irrispettivament minn fejn u kif jitwettqu. Bl-impenn li haġet li tiġġieled kontra t-tortura madwar id-dinja permezz ta' approċċ komprensiv li jħaddan il-projbizzjoni, il-prevenzjoni, l-irfiġh ta' responsabbiltà u r-rimedju għall-vittmi, l-UE ser tkompli tappella lill-istati kollha biex jiżguraw li l-allegazzjonijiet ta' każijiet ta' tortura, għajbien sfurzat u qtil extraġudizzjarju jiġu investigati minnufih u effettivament b'mod imparzjali u trasparenti, waqt li tiġi żgurata l-prosekuzzjoni xierqa ta' daww responsabbli. F'dak ir-rigward, hija qed tkompli ssegwi bi tħassib serju għadd ta' każijiet rapportati, partikolarment fil-Burundi, fir-Repubblika ta' Ċeċenja (il-Federazzjoni Russa), fir-Repubblika Awtonoma tal-Krimea u l-belt ta' Sevastopol illegalment annessi mill-Federazzjoni Russa, f'żoni tal-Lvant tal-Ukrajna li bħalissa mhumieħ taħt il-kontroll tal-Gvern, fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, fir-RDPK, fl-Eġittu, fil-Libja, fil-Myanmar, fin-Nikaragwa, fil-Pakistan, fil-Filippini, fl-Arabja Sawdija, fis-Sudan t'Isfel, fis-Sirja, fil-Venezwela u fil-Jemen. L-UE tibqa' serjament imħassba dwar il-każijiet rapportati ta' trattament ħażin u tortura waqt id-detenzjoni fiċ-Ċina, u tappella lill-awtoritajiet biex jinvestigawhom bir-reqqa. L-UE ser tkompli tappoġġa r-ratifika universali u l-implimentazzjoni effettiva tal-**Konvenzjoni Kontra t-Tortura u Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti Oħra u l-Protokoll Fakultattiv tagħha**. Bħala waħda mill-koinizjaturi tal-Alleanza Globali għal Kummerċ Liberu mit-Torturi bil-għan li jintemm il-kummerċ f'oġġetti użati għat-tortura u l-piena kapitali madwar id-dinja, u wara l-adozzjoni tar-risoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU dwar kummerċ liberu mit-tortura f'Ġunju 2019, l-UE ser tkompli tappoġġa sforzi biex jiġu stabbiliti standards internazzjonali komuni f'dan il-qasam.

15. L-UE ser tkompli tappella lill-istati kollha biex jiżguraw il-funzjonament tajjeb tal-**istituzzjonijiet demokratiċi, ir-rispett għall-istat tad-dritt**, il-prinċipji tal-governanza tajba, l-indipendenza tal-ġudikatura u biex jiġġieldu kontra l-impunità u l-inugwaljanza kif imtenni fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-Demokrazija ta' Ottubru 2019. Ser thegġegħ lill-istati jiddefendu d-drittijiet għal parteċipazzjoni f'affarijiet pubbliċi, il-libertà ta' assemblea paċifika u ta' assoċjazzjoni, inkluż għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u dimostranti paċifiċi, kif ukoll il-libertà ta' opinjoni u espressjoni online u offline b'enfasi partikolari fuq is-sikurezza tal-ġurnalisti, il-bloggers u ħaddiema oħra fil-mezzi tax-xandir. L-UE ser tkompli ssegwi mill-qrib bi tħassib serju s-sitwazzjoni fl-Ażerbajġan, il-Bahrain, il-Bangladesh, il-Belarussja, il-Burundi, il-Kambodja, iċ-Ċina inkluż Hong Kong, il-Peniżola tal-Krimea, illegalment annessa mill-Federazzjoni Russa, żoni tal-Lvant tal-Ukrajna li bħalissa mhuwiex taħt il-kontroll tal-Gvern, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, l-Eġittu, l-Eritrea, l-Iran, il-Filippini, is-Sri Lanka, il-Myanmar, in-Nikaragwa, l-Arabja Sawdija, il-Federazzjoni Russa, it-Tanzanija, it-Taġikistan, it-Turkija, il-Venezwela, il-Vjetnam u ż-Żimbabwe.
16. L-UE ser tkompli tagħti attenzjoni mill-qrib lill-istat ta' kontroll imsaħħaħ fuq l-ispazju online, li jikkostitwixxi riskju serju għal-**libertà ta' opinjoni u espressjoni** u ser tkompli tappoġġa t-tisħiħ tal-impenji internazzjonali li titħares il-libertà ta' espressjoni. Waħda mill-akbar theddidiet hija l-kriminalizzazzjoni tal-kritika online tar-reliġjon, tal-gvern jew ta' istituzzjonijiet pubbliċi oħrajn. L-UE ser tkompli tfakkar fir-responsabbiltà tal-istati li jiżguraw konformità mad-dritt nazzjonali u internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u li jaġixxu biex jiżguraw li l-libertà ta' opinjoni u l-libertà ta' espressjoni jitwettqu. L-UE ser tkompli taħdem biex tħares il-proċessi demokratiċi mill-manipulazzjoni minn pajjiżi terzi jew minn interessi privati, filwaqt li tagħti kontribut biex ikunu ħielsa mid-diżinformazzjoni, jew kwalunkwe interferenza mhux mistħoqqa.

17. L-UE ser tkompli **topponi bil-qawwa l-forom kollha ta' diskriminazzjoni** fosthom għal raġunijiet ta' sess, razza, oriġini etnika jew soċjali, reliġjon jew twemmin, opinjoni politika jew kwalunkwe opinjoni oħra, diżabilità, età, orjentazzjoni sesswali u identità tal-ġeneru. L-UE ser timpenja ruħha b'mod konsistenti u kostruttiv mal-mandati tan-NU li jikkonċentraw fuq il-ġlieda kontra l-vjolenza u l-forom kollha ta' diskriminazzjoni u ser tappoġġa l-ħidma kontinwa tan-NU b'rabta ma' dan. L-UE ser tkompli tappella lill-istati kollha biex jirrispettaw, iħarsu u jwettqu d-**drittijiet tal-bniedem ta' persuni li jappartjenu għal minoranzi**, inkluż minoranzi nazzjonali, etniċi, reliġjużi u lingwistiċi. L-UE ser tapprofondixxi l-impenn tagħha għall-promozzjoni u l-ħarsien tad-drittijiet tal-persuni b'diżabilità, inkluż l-appell għar-ratifika universali u l-implimentazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità. Ser tinvolvi ruħha fil-mekkaniżmi u d-dibattiti tan-NU biex jingħata segwitu għad-Dikjarazzjoni u l-Programm ta' Azzjoni ta' Durban. L-UE ser tibqa' impenjata għall-promozzjoni u l-ħarsien tal-libertà ta' reliġjon jew ta' twemmin. Ser tikkundanna il-persekuzzjoni, id-diskriminazzjoni u l-vjolenza kontra persuni li jappartjenu għal minoranzi u komunitajiet reliġjużi u l-abbuż tal-liġijiet dwar il-blasfemija, filwaqt li tiddefendi d-drittijiet li individwi juru r-reliġjon jew twemmin tagħhom, u li jbiddlu jew jitolqu minn reliġjon jew twemmin. L-UE ser tkompli tenfasizza l-ħtieġa għall-prevenzjoni tal-vjolenza u l-bżonn li l-awturi jinżammu responsabbli u l-vittmi jiġu riabilitati u jingħataw rimedju filwaqt li jiġi promoss id-djalogu bejn twemmin differenti. Ser topponi l-forom kollha ta' inċitament għall-vjolenza jew mibegħda, u d-diskors ta' mibegħda, online u offline, filwaqt li tippreserva l-artikolazzjoni sħiħa tad-dritt għal-libertà ta' espressjoni. L-UE ser tkompli tippromwovi d-Dikjarazzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Popli Indiġeni u ser timpenja ruħha b'mod attiv f'fora fejn id-drittijiet tal-popli indiġeni ser jiġu diskussi inkluż fil-kuntest tad-Deċennju Internazzjonali għal-Lingwi Indiġeni. L-UE ser tkompli tesprimi tħassib f'każijiet persistenti ta' ksur u abbużi osservati kontra persuni li jappartjenu għal minoranzi, inkluż fil-Kamerun, il-Myanmar, il-Pakistan, il-Federazzjoni Russa, u l-Peniżola tal-Krimea, illegalment annessa mill-Federazzjoni Russa, u ż-żoni tal-Lvant tal-Ukrajna li bħaliha mhumieħ taħt il-kontroll tal-Gvern. Ser tkompli ssegwi bi tħassib serju s-sitwazzjoni f'Xinjiang b'attenzjoni partikolari għall-eżistenza ta' netwerk kbir ta' kampijiet ta' riedukazzjoni politika u sorveljanza mifruxa kontra l-Ujgur u minoranzi oħrajn. L-UE ser tkompli tappella għar-rispett tal-libertà tal-espressjoni, id-diversità kulturali u l-libertà ta' reliġjon jew ta' twemmin, partikolarment fir-Reġjun Awtonomu Ujgur ta' Xinjiang u r-Reġjun Awtonomu tat-Tibet.

18. **L-UE ser tkompli tippromwovi l-ħarsien u t-twettiq tad-drittijiet tal-bniedem tat-tfal kollha**, b'mod partikolari dawk f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, filwaqt li tirrispetta l-prinċipju ewlieni tal-aħjar interessi tat-tfal f'konformità mal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal. Ser taħdem mill-qrib man-NU, b'mod partikolari r-Rappreżentanti Speċjali tas-Segretarju Ġenerali għat-Tfal u l-Konflitt Armat u dwar il-Vjolenza fuq it-Tfal. L-2020 timmarka l-għoxrin anniversarju mill-adozzjoni tal-Protokoll Fakultattiv għall-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal dwar l-involviment tat-tfal f'konflitti armati u tal-Protokoll Fakultattiv dwar il-Bejgħ tat-Tfal, il-Prostituzzjoni tat-Tfal u l-Pornografija tat-Tfal. Għalhekk, l-UE ser tippromwovi r-ratifika tagħhom u ser iġġedded l-impenn tagħha li tħares lit-tfal mir-reklutaġġ u l-użu minn forzi armati u gruppi armati, kif ukoll li tħares lit-tfal mill-forom kollha ta' sfruttament u abbuż, inkluż mit-traffikar u l-isfruttament sesswali. L-UE ser tkompli tappoġġa inizjattivi li għandhom l-għan li jiksibu **d-drittijiet tat-tfal** permezz ta' ambjent tajjeb għas-saħħa, billi jiżguraw aċċess universali għal servizzi ta' kwalità, inkluż l-edukazzjoni u l-kura tas-saħħa, jeliminaw il-forom kollha ta' vjolenza fuq it-tfal kollha, fost oħrajn il-bullying u l-bullying ċibernetiku, u prattiki ta' ħsara bħaż-żwieġ ta' tfal, iż-żwieġ bikri u sfurzat u l-mutilazzjoni ġenitali femminili. L-UE ser tkompli tippromwovi politika ta' tolleranza zero b'rabta mat-tħaddim tat-tfal.
19. **It-terroriżmu** huwa waħda mit-theddidiet l-aktar serji għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali. L-UE tappella lill-istati kollha biex jiżguraw li r-rispons għal delitti terroristiċi jkun f'konformità sħiħa mad-dritt internazzjonali, b'mod partikolari d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, id-dritt umanitarju u d-dritt internazzjonali dwar ir-refuġjati. L-UE ser tkompli tappoġġa r-referenzi għad-drittijiet tal-bniedem u d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem fl-eżami tal-implimentazzjoni tal-istrateġija globali tan-NU kontra t-terroriżmu. Il-ġlieda kontra t-terroriżmu teħtieġ li l-vittmi jingħataw prijorità u li jiġi żgurat li d-drittijiet tal-vittmi tat-terroriżmu jitħarsu u jiġu promossi.

20. L-UE ser tkompli tappella lill-istati kollha biex jirrispettaw id-**dritt umanitarju internazzjonali (IHL)** u d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, inkluż fiċ-Ċiberspazju, u biex jiżguraw li l-għajnuna umanitarja jkollha aċċess sħiħ, f'waqt u bla xkiel biex titwassal mal-pajjiż kollu lill-popolazzjonijiet fil-bżonn u l-ħarsien effettiv tal-ħaddiema umanitarji u mediċi. B'rabta ma' dan, ser tkompli ssegwi mill-qrib is-sitwazzjoni fil-Peniżola tal-Krimea, annessa illegalment mill-Federazzjoni Russa, u ż-żoni tal-Lvant tal-Ukrajna li bħalissa mhumie x taħt il-kontroll tal-Gvern, il-Myanmar, it-territorju okkupat Palestinjan, fejn Iżrael għandu l-obbligi skont id-Dritt Umanitarju Internazzjonali, il-Libja, il-Jemen, u s-Sirja fejn fid-dawl ta' azzjonijiet militari reċenti fl-aħħar tnax-il xahar il-partijiet kollha fil-kunflitt għadhom marbuta li jirrispettaw u jħarsu l-IHL. L-UE ser tkompli tappella għal aċċess mingħajr xkiel għall-mekkaniżmi ta' monitoraġġ tad-drittijiet tal-bniedem fir-reġjuni separatisti Georgjani tal-Abkażja u l-Ossezja tan-Nofsinhar, il-Peniżola tal-Krimea illegalment annessa mill-Federazzjoni Russa u ż-żoni tal-Lvant tal-Ukrajna li bħalissa mhumie x taħt il-kontroll tal-Gvern. L-UE ser tkompli tappoġġa l-ġbir ta' evidenza u dokumentazzjoni tal-ksur kollu tad-dritt umanitarju internazzjonali u l-ksur u l-abbużi kollha tad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari ksur u abbużi sistematiċi, mifruxin u gravi tad-drittijiet tal-bniedem li jistgħu jikkostitwixxu ġenoċidju, delitti kontra l-umanità, jew delitti tal-gwerra, għall-finijiet tal-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' dawk responsabbli. L-UE ser tkompli tappoġġa mekkaniżmi bħall-Kummissjonijiet ta' Inkjesta u Mekkaniżmi Internazzjonali b'mandat min-NU, kif għamlet l-UE dan l-aħħar fil-każijiet tal-Burundi, ir-RDPK, il-Myanmar, is-Sirja u l-Jemen, sabiex titwitta t-triq biex dawk li wettqu delitti gravi jinżammu responsabbli. L-UE ser tkompli tippromwovi l-prinċipju tar-Responsabbiltà ta' Protezzjoni f'fora multilaterali.
21. L-UE tiddefendi l-prinċipji tad-drittijiet tal-bniedem b'rabta mar-**refuġjati, il-persuni spostati internament u l-migranti**, b'attenzjoni partikolari għat-tfal, in-nisa u persuni oħra f'sitwazzjonijiet vulnerabbli. L-approċċ komprensiv tal-UE għall-migrazzjoni ser ikompli jikkonċentra fuq l-indirizzar tal-għerq tal-migrazzjoni irregolari, l-appoġġ għall-pajjiżi f'dak li jirrigwarda l-governanza tal-migrazzjoni, it-tfixkil tal-mudelli kummerċjali tal-faċilitaturi tad-dħul klandestin tal-migranti u t-traffikanti tal-bnedmin, il-ġestjoni aħjar tal-fruntieri esterni tal-Ewropa u l-offerta ta' opportunitajiet għal toroq legali filwaqt li jiġu rispettati bis-sħiħ il-kompetenzi nazzjonali. L-UE ser tkompli tappella lill-istati kollha biex jipprevjenu t-traffikar ta' bnedmin, iħarsu lill-vittmi, u jiżguraw il-prosekuzzjoni effettiva tal-awturi.

22. L-UE ser tkompli tippromwovi l-implimentazzjoni tal-**Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem**, kemm fl-azzjoni esterna kif ukoll fil-politiki interni tagħha, inkluż permezz ta' inizjattivi fuq id-diliġenza dovuta dwar id-drittijiet tal-bniedem, l-aċċess għal rimedju għal vittmi ta' abbużi korporattivi, l-inkoraġġiment għall-adozzjoni ta' Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali u l-appoġġ għad-difensuri indiġeni u ambjentali tad-drittijiet tal-bniedem. Ser tikkunsidra għażliet li hemm biex tissaħħaħ l-implimentazzjoni tal-Prinċipji Gwida tan-NU, inkluż il-possibbiltà ta' Pjan ta' Azzjoni tal-UE. L-UE ser issegwi mill-qrib id-diskussjonijiet dwar strument legalment vinkolanti dwar il-Korporazzjonijiet Transnazzjonali u Intrapriżi Kummerċjali oħrajn b'rabta mad-Drittijiet tal-Bniedem. L-Imġiba Responsabbli fin-Negozju hija essenzjali biex jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli.
-